EASA
European Union Aviation Safety Agency

1

**Dan id-drone huwa inġenju tal-ajru.**
**Japplikaw il-liġijiet tal-avjazzjoni.**

# Bħala bdot tad-drone, għandek responsabbiltà li ttajjar id-drone tiegħek b'mod sikur.

## Qabel it-titjir

- kun ċert li sid id-drone huwa reġistrat mal-awtorità nazzjonali ta' pajjiżu (sakemm mhux diġà reġistrat)
- kun ċert li n-numru ta' reġistrazzjoni tiegħek jinsab fuq id-drone u li ttella' fis-sistema ta' identifikazzjoni remota
- aqra u segwi l-istruzzjonijiet tal-manifattur
- temm it-taħriġ obbligatorju online u għaddi mit-test

**Informa ruħek dwar kif tirreġistra u titħarreġ, u dwar fejn tista' ttajjar id-drone:**

www.easa.europa.eu/drones/NAA

**!**
**Ksur tar-regoli jwassal għal impożizzjoni ta' pieni skont il-liġi.**

1

## LI GĦANDEK TAGĦMEL


Kun ċert li inti assigurat b'mod xieraq


Kun af liema żoni ma jippermettux titjir (no-  y zones) u jekk hemmx limitazzjonijiet fiż-żona fejn tixtieq ittajjar id-drone


Żomm għajnejk fuq id-drone il-ħin kollu


Żomm distanza sikura bejn id-drone u n-nies, l-annimali jew inġenji tal-ajru oħrajn


Għandek tgħarraf lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni ta' pajjiżek jekk id-drone tiegħek jiġi involut f'aċċident li jirriżulta f'korriment serju jew fatali li jinvolvi persuna, jew li ja  ettwa inġenju tal-ajru b'ekwipaġġ


Ħaddem id-drone tiegħek fil-limiti definiti fl-istruzzjonijiet tal-manifattur

## LI M'GĦANDEKX TAGĦMEL


Ittajjarx id-drone fuq gruppi kbar ta' persuni



Ittajjarx id-drone f'għoli aktar minn 120 metru mill-art


Ittajjarx id-drone biswit inġenji tal-ajru u viċin ajruporti, helipads jew f'postijiet fejn ikun qed iseħħ rispons ta' emerġenza


Irrispetta l-privatezza ta' persuni oħra.


Tagħmilx reġistrazzjonijiet mhux intenzjonati, u tippubblikax ritratti, film  ti jew reġistrazzjonijiet awdjo ta' persuni mingħajr il-permess tagħhom


Tużax id-drone biex iġġorr oġġetti perikolużi jew biex twassal xi materjal


Tagħmilx modifiki fuq id-drone tiegħek. Mhux permess jintuża software li mhux rakkomandat mill-manifattur